Hu ma kien wera ebda dell ta' biża', imma baqa' magħhom jit-baħrad, idur minn mejda għal oħra; daqqa jlaqqat xi pinta u daqqa jwerrek idejh għaliex ikun iddobba xi sigarett, sakemm għajja jitlie-jaq minn hemm għal hawn, sellem baxx baxx u parpar 'il barra, iħammem u jgedwed waħdu fuq il-ħsieb li waqa' f'moħħu.

Dik il-lejla ma setax jagħlaq għajn m'għajn. Fil-kamra kien qed jistħajjel li jara bosta xbihat koroh u bosta boroż ta' flus im-xerrdin. Hu ma tax kas, għax kien jaf li dawk kienu kollha qlajja' tan-nies. Anzi dak il-ħin faqqa' daħka u f'qalbu qal, "Hekk nagħ-mel! Hux qalu li l-ħares iħallilek xi ħaġa warajh? Mela ħalli f'idejja. X'ħasbu li hu Marozz! Xi wieħed ta' kafkaf? Fl-aħħar insibilhom kappell jiġihom." Imbagħad wara ħafna tiġbid ta' kutri, għajnu marret bih u sab ruħu fi ħdan Morfew jonħor daqs bumerin.

L-għada fil-għaxija, il-klikka ta' rġiel fil-ħanut ta' l-inbid kienet qed iddaħħan, tredden jew tiekol xi bukkun fuq idejha. Marozz dik il-lejla kien iddawwar aktar mis-soltu. Kulħadd tħasseb fih. Min ħaseb li mhux se'r jersaq 'l hemm iktar minħabba dak li għamlulu fil-lejla ta' qabel. Min qal li waqa' fil-bir u ma sabux rampil biex itellgħuh. U min ħaseb li weġġa' bl-imgħażqa.

Iżda Marozz ma ġralu xejn minn dan. Għaliex wara ftit deher dieħel il-ħanut b'wiċċu għad-dawl. Hu kien mgħobbi b'bixkilla fuq spalltu. Kulħadd stagħġeb bih; għax lil Baħnan qatt ħadd ma kien rah f'dik il-qagħda. Huma dejjem rawh idu fil-but igerrem xi loqma ta' sigarru jew sigarett li jkun sab barra t-triq. Imma għajnejh dejjem imberrqin ħalli jara min ser iħallaslu xi boqqa nbid.

Bertu, li kien qisu xewka, lanqas ħamlu, għax kif rah ifiġġ mar dritt dritt fuqu u qallu, "Hemm x'għandek, xbin?"

Marozz ried jagħmilha t'iblah biex iġib lil kulħadd għal taħt idejh. "Hemm għandi affarijiet li ma nistax nurihomlkom, għax inkella jista' jaqa' xi risq ħażin fuqi!"

"Iva lanqas lilna?" saħħnu l-Fdewxu biex jirnexxilu jwaq-qgħu.

"Ma' ħadd, Wenz. Għaliex dak li għandi fil-bixkilla taħomli l-ħares u b'rasi jdur jekk nitniffes" wieġbu fil-waqt il-Baħnan.

"Din xi żinnata minn tiegħek," reġa' t-Trumbun mgħoxxi bid-daħk.

"Ara ma jdurx għalik, Marozz," tefagħhielu Wistin li kien qed jisma'.

Meta semgħu dan il-kliem kulħadd infexx jidħak, għax dawk intebħu li kienet ħlieqa tiegħu.

Marozz li issa kienet id-daqqa tiegħu dar lejhom u qallhom, "Idħku! Intom lil Marozz ħsibtuh xi mderwex jew? Iżda ngħidil-



kom li intom l-imderwxin. Mela la tridu tafu, ikxfu l-bixkilla ħalli taraw b'għajnejkom stess.

Kif neħħew il-biċċa xkora li kienet qed tgħatti dak li kien hemm taħtha, lemħu qoffa frott tgħaxxqek. F'dan il-ħin il-għagħa waqfet għal kollox għax raw li kliem Marozz ma kienx fih qerq. It-Trumbun kien ġa pront biex idaħħal idu ħalli jaħtaf waħda. "Dan minn fejn, ħabib," qallu Bertu bi kliem inġġeż.

"Mela jien qed inkellimkom bl-Gharbi? Dak ħallihuli l-ħares!"

"Kemm ħsibtna bċieċen lilna. Lilna ma tballgħalniex ir-ross bil-labra tafx," wieġbu mibluh fih innifsu dak li ħadlu l-frotta, waqt li qarmeċ snienu b'dak li kellu f'ħalqu.

"Imma ħaqq it-tabakk! Int ewilla ma temmen b'xejn? Iżda la naf li lagħabkom nieżel biex tkunu tafu, ħa ngħidilkom kollox, basta ma titkellmux. Dal-lejl ġie l-ħares u qalli li sa jħallili qoffa frott. Jien staqsejtu minn fejn ġabha, u hu qalli li ġabha mingħand bosta bdiewa, fosthom Bertu t-Trumbun, Wenzu l-Fdewxu u min-għalija semma wkoll lil Wistin il-Ħuttab. Imma, jien billi għandi ħafna siġar tal-frott, ħsibt u rajt li nġibha hawn ħalli dak li m'għan-dux igħix ma' min għandu. Xi tgħidu, ma ħsibthiex tajjeb?"

It-tlett iħbieb fehmuha l-biċċa u ma fetħux fommhom għax kell-hom denbhom taħt il-blata, għalhekk dik il-lejla kellhom jitqannew b'buli ta' kelb.

Mikiel tal-ħanut meta rahom hekk, "Eh, fl-aħħar tal-mazzita, il-Baħnan sabilkom iż-żbiba."

Din ma nafx kif ħaduha. Imma naħseb li ma kellhomx il-ħila jiftħu ħalqhom biex jerġgħu jbeżżgħu lil Marozz bil-ħares!

---

## IL-POETA TAL-MADONNA

**L-Għaqdiet kollha, is-Soċjetajiet, il-Membri Akkademiċi tal-Malti u l-Qarrejja kollha li għandhom xi poeżiji mhux ippubblikati f'ġurnali, tal-PROFESSUR ANASTASJU CUSCHIERI, Karmelitan, huma ġentilment mitlubin jiktbu jew iċemplu mill-aktar fis lil Alfred Degabriele, Block XV, Flat 6, Triq il-Begonja, Sta. Luċija (Tel. 20163), jew lil Patri Serafin M. Abela, O.Carm., Kunvent tal-Karmnu, Il-Belt (Tel. 26108).**

**B'hekk ikunu ta' għajnuna kbira fil-ktieb ta' poeżiji ta' dal-poeta kbir Malti li qed jitlesta.**